# Mużika u Baned

## (Il-ħames parti)

kitba u riċerka ta' Lorenzo ZAHRA

Wara li nedejna din ir-rubrika interessanti fl-annwal tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard fl-2004. Konna bdejna mill-1805 u s'issa koprejna sa l-1895. Għalhekk ser inkomplu mill-1896.

Ta' min jirrimarka li ħadd ma għandu jippretendi li ser isib il-ħidma tal-baned kollha li kienu twaqqfu sa dak iż-żmien. Huwa fatt ukoll li xi baned ma tantx kienu jagħtu każ biex jibgħatu tagħrif lill-ġurnali, waqt li oħrajn ma kienux jonqsu jibgħatu u naturalment isibu appoġġ għall-publikazzjoni. Bosta drabi l-baned kienu jibgħatu l-programmi li jkunu ser jesegwixxu u li jkunu ppublikati. Ħaġa li mis-snin tletin bdew jiġu ppubblikati programmi f'xi ktejjeb mill-istess Każini jew istituzzjonijiet festivi. Dawn illum saru kotba ta' interess, imżewqa bir-ritratti u mimlija bil-messaġġi uffiċjali, b'tagħrif dwar il-ħidma u programmi mużikali kif ukoll tagħrif storiku marbut mal-baned, il-festi u l-knejjes tagħna. Dawn jiffurmaw il-ġrajja għal quddiem. Nifhmu li r-referenzi tagħna li ġbarna jkunu ta' għajnuna fit-tiftix għal aktar tagħrif dwar ġrajjet il-baned tagħna - *l-awtur Lorenzo Zahra.*

### Referenzi u abbrevjazzjonijiet:

| | |
|---|---|
| *Avv* | *Avvenire* |
| *B tal-M* | *Bandiera tal-Maltin* |
| *CMM* | *Cor. Merch. Maltese* |
| *DMC* | *Daily Malta Chronicle* |
| *G di M* | *Gazzetta di Malta* |
| *M/H* | *Malta Herald* |
| *M* | *Il Malta* |
| *M/T* | *Malta Tagħna* |
| *Malta Std.* | *Malta Standard* |
| *Pub. Op.* | *Public Opinion* |

### 1896

Il-Banda Duke of York tal-Birgu bi programm fil-Belt fil-Pjazza tal-Palazz il-Ħadd. (CMM, 24/01).

Il-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa diretta minn Mro. Grech tħabbatha mal-baned tal-bliet. (M/T, 04/01).

Il-Banda ta' Bormla tagħmel *marching out* lejn in-Nigret u tgħaddi mir-Raħal il-Ġdid, Ħal-Tarxien, il-Gudja, Ħal-Safi u ż-Żurrieq u tiġi lura miż-Żejtun. (M/T, 11/01).

Il-Banda ta' Bormla fit-Teatru Manoel diretta minn Catania. (Pub. Op., 18/04).

Fil-festa ta' San Mikiel f'Ħaż-Żabbar kienu l-baned ta' S. Ġużepp ta' Ħal-Tarxien, tal-Birgu u Vincitrice ta' l-Isla. (M/T, 20/05).

Fil-festa tas-Ssma. Trinità fl-Isla kien hemm il-Banda La Vincitrice diretta minn Miruzzi. (Il-Veru Mannarinu, 30/05).

Il-Banda Winchester Regt. f'tas-Sliema diretta mis-Surmast Evans. (CMM, 12/06).

Il-Baned La Vallette, Cavalieri di Malta u San Giorgio ta' Bormla fl-Imsida għall-festa tal-pussess tal-Kappillan Debono. (CMM, 16/06).

Għall-kompetizzjoni tal-baned fl-1 ta' Ġunju, il-ġurija kienet iffurmata mis-Surmast S. Favi, il-Kav. Lancellotti u s Surmast tal-*King's Rifles Regt. Band.* (CMM, 16/06).

Il-Banda ta' Bormla fi Pjazza S. Margerita. (Pub. Op., 23/07).

Fil-Belt għall-festa ta' S. Duminku kien hemm il-Baned Prince of Wales tal-Belt, id-Duke of York tal-Birgu, il-Cavalieri di Malta, Sant'Elena u La Stella ta' Birkirkara, L'Isle Adam u S. Giorgio ta' Ħal-Qormi. Kien hemm ukoll il-*Warwickshire Reg. Band.* (Pub. Op., 30/07).

Fil-pjazza tal-Birgu l-Banda Duke of Edinburgh waqt programm tingħata standard mill-Ammirall Duchward King. Kellha lil Mons. Cassar Kappillan li kien iċ-*Chaplain* tal-flotta Ngliża Mediterranea. (CMM, 07/08).

Fil-festa ta' S. Lawrenz fil-Birgu ħadet sehem il-Banda tar-Reg. Suffolk. (Il-Patriota, 10/08).

Il-Banda Vincitrice ta' l-Isla f'Wied il-Għajn. (Pub. Op., 18/08).

Il-Banda La Vallette fit-30 sejra Sirakuża mal-Carola. (CMM, 28/08). Magħha marru 300 ruħ. (Pub. Op., 01/09).

Il-Banda Prince of Wales tmur Villa Bellini f'Catania, Sqallija, diretta minn A.P. Hare. (Pub. Op., 03/09).

Il-Banda S. Giorgio ta' Bormla diretta minn P. Vassallo fl-Isla fil-jumejn tal festa. Kien hemm ukoll il-Baned Vilhena, Duke of York tal-Birgu, Beland taż-Żejtun, S. Leonardu ta' Ħal-Kirkop, S. Mikiel u Tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar u ta' S. Ġużepp ta' Ħal Tarxien. (CMM, 04/09).

Il-Banda Prince of Wales ma setgħetx tieħu sehem fil-festi Nazzjonali minħabba l-mewt tal-bandist Bellia, li sarlu l-funeral fit-13 ta' Settembru. (Pub. Op., 12/09).

Il-Banda Duke of York tal-Birgu tagħmel programm fil-festa ta' San Duminku fil-Belt. (Risorgimento, 01/10).

Festa Nazzjonali bil-Baned La Vallette u S. Ġorġ fi Pjazza S. Margerita. (Pub. Op., 01/10).

Il-Banda Beltija Prince of Wales fil-Pjazza tal-Palazz fit-13 t'Ottubru fis-6pm. (Pub. Op., 13/10).

Fl-Isla ġie nawgurat iċ-Circolo Mandolinista minn Dom. Scicluna li kien alliev ta' Edward Peel - Vjolinista mill-Isla. (Il-Veru Mannarinu, 03/10 u Pub. Op., 28/12).

## 1897

Fil-festa ta' San Pawl fil-Belt kien hemm dawn il-Baned: La Vallette, Prince of Wales, S. Giorgio ta' Bormla, Cavalieri di Malta, La Vilhena tal-Furjana, Beland taż-Żejtun u l-R.M.A. (Pub. Op., 16/02).

Ġie mxandar kalendarju ta' programmi għax-xhur bejn Ġunju u Settembru minn diversi baned militari. (Pub. Op., 25/05).

Il-Banda ta' l-Isla La Vincitrice fil-Belt fi Pjazza S. Ġorġ ġiet imfaħħra taħt it-tmexxija tas-Surmast G. Parisai ta' Salerno. (Il Patriota, 25/06).

Jissemma' s-sehem tal-Banda La Concordia taż-Żurrieq. (Risorgimento, 23/07).

Tissemma' l-Banda S. Leonardo ta' Ħal Kirkop. (Risorgimento, 02/09).

## 1898

Il-Baned Prince of Wales u d-Duke of Edinburgh fi Pjazza S. Ġorġ fil Belt. (Pub. Op., 11/01).

Il-Banda Cavalieri di Malta fil-Pjazza l-Belt diretta minn Ferdinand Camilleri. (DMC, 22/01 u Pub. Op., 22/01).

Il-Banda Prince of Wales diretta minn A.P. Hare fis-6 ta' Frar fil-Pjazza tal-Palazz il-Belt. (Pub. Op., 05/02).

Il-Banda ta' Bormla diretta minn Mro. P. Vassallo fi Pjazza S. Margerita. (Il Patriota, 02/04).

Mro. A. Zahra direttur taċ-Circolo Musicale Maltese bi preżentazzjoni fis-Seminarju l-Furjana. (Pub. Op., 09/04).

Fil-festa ta' San Publiju, il-Banda La Vallette kienet immexxija mis-Surmast Miruzzi. Kien hemm ukoll il-Banda ta' Bormla. (Il Patriota, 21/04).

Fil-Birgu sar funeral sollenni għal Dun Salv Caruana b'quddiesa *de Requiem* mill-Orkestra ta' Malfeggiani bil-kantanti tat-Teatru Rjal. (Portafoglio, 21/04).

Il-Banda Prince of Wales iddoqq fl-ewwel Tlieta ta' S. Duminku. Fil-festa ta' S. Publiju fil-Furjana kien hemm il-Baned La Vilhena, La Vallette, S. Giorgio ta' Bormla u l-*West Riding Regt. Band*. (Pub. Op., 23/04).

Fil-festa ta' Ħaż-Żebbuġ kien hemm dawn il-Baned: Prince of Wales, Duke of York, Vilhena tal-Furjana u *Border Regt. Band*. (Pub. Op., 10/05).

Il-Banda Prince of Wales iddoqq il-Fantasia ta' Puccini u Leon Cavallo diretta minn Mro. A.P. Hare. (Pub. Op., 12/05).

Il-Banda La Vilhena ddoqq f'tas-Sliema diretta minn Mro. Melilli. (DMC, 23/06).

Il-Banda tar-Regt. Suffolk f'tas-Sliema u l-Belt diretta minn C. Thomas. (Il Patriota, 27/05).

Fil-11 ta' Ġunju miet is-Surmast Tommaso Galea tal-Banda Alleanza ta' Birkirkara fl-età ta' 64 sena. Il-Banda tal-R.M.A. diretta mis-Surmast Bartoli. (Pub. Op., 28/06).

Il-Banda S. Giorgio ta' Bormla fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù f'Ħaż-Żabbar diretta mis-Surmast Catania. (Il Patriota, 28/06).

Il-Banda La Vincitrice fil-festa tas-Ssma. Trinità fl-Isla. (Il Patriota, 03/06).

Il-Banda La Vincitrice ta' l-Isla diretta minn G. Parisi fit-2 u 3 ta' Lulju. (Pub. Op., 30/06).

Il-Banda ta' Sirakuża tiehu sehem fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt. Kien hemm ukoll il-Banda La Vallette. (Il Patriota, 13/07).

Għall-festa ta' S. Duminku ddoqq programm il-Banda *West Riding* diretta minn D. Neil u l-Banda tad-*Dorset* diretta minn A. Hazel. (Il Patriota, 02/08).

Il-Banda La Stella ta' Birkirkara fil-festa f'tas-Sliema diretta minn G. Camilleri. (Il Patriota, 20/08).

Il-Banda Vincitrice ferħana li akkwistat is-servizz tas-Surmast Parisi. Il-Prof. Vassallo jirtira mill-Banda S. Giorgio ta' Bormla. Il-Banda tad-*Dorset* diretta minn F. Eade fil-Belt fis-26 ta' Settembru. (Il Patriota, 24/09).

Il-Banda *Border Regt*. fuq il-Fosos bi programm nhar il-5 t'Ottubru. (Il Patriota, 29/09).

Il-Banda S. Ġużepp tal-Ħamrun diretta minn Miruzzi. (Il Patriota, 08/10).

Il-Banda S. Giorgio ta' Bormla fit-Teatrin Cottonera f'Bormla diretta minn Abela Scolaro. (Il Patriota, 17/11).

Programm minn La Vallette diretta mis-Surmast Carabott fil-Pjazza l-Belt nhar il-Milied. (Il Patriota, 21/12).

Tħabbar programm ta' baned militari f'Jannar ta' l-1899 li jsemmi dawn il-Baned: *3rd Regt. Fusiliers, 2nd Regt. Dorset, 1st Regt. Derby, 1st Regt. Border* u R.M.A. (Il Patriota, 27/12).

## 1899

Il-Banda Prince of Wales b'uniformi ġdida ddoqq programm fil-Belt diretta mis-Surmast A.P. Hare. (M/Times, 06/01).

Il-Banda ta' Bormla diretta mis-Surmast Gaetan Grech fil-festa tal-Karmnu fil-Belt. (Il-Kurrier Malti, 14/07).

Programm sabiħ tal-Banda Prince of Wales fuq il-Fosos tal-Furjana. Il-president kien is-sur Lanzon u segretarju s-sur Muscat Azzopardi. (M/Times, 14/07).

## 1900

Il-Banda La Vilhena tagħmel programm fil-Pjazza tal-Palazz fil-Belt diretta mis-Surmast Melilli. (DMC, 04/01).

Il-Banda ta' Bormla akkompanjat b'marċ lill-Ġeneral Robert minn Verdala. Saru diskorsi u wara tislima mill-Banda tal-Birgu lin-*Northumberland Fusiliers*. (Malta Tagħna, 24/03).

Il-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu bi programm fil-Belt fil-*Lady Smith's Day*. (Portafoglio, 09/03).

Il-Banda Duke of York tal-Birgu tibgħat messaġġ lill-Prince of Wales iffirmat mill-president, is-sur Inglott. (Portafoglio, 16/04).

Il-Banda Duke of Edinburgh fil-festi ta' San Duminku fil-Belt. (Portafoglio, 10/08).